**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA13.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 10 t' April 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-7.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-3 t' April 2012.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.
3. Offerti – MXR/004/2011 – Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.
4. Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.
5. Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.
6. Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA12.

**2.00 Rendikont tal-proġetti pendenti mill-Kumitat.**

2.01 Il-Kumitat għadu qed jistenna mingħand il-Ministeru għal Għawdex sabiex issir laqgħa dwar il-kisi ta' Triq ir-Rumani u Triq il-Kavallieri. Il-Kumitat ingħata 50% ta' l-ispiża mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u qed tintalab il-50% l-oħra mingħand il-Ministeru għal Għawdex.

**3.00 Offerti – MXR/004/2011 - Proġett Passaġġ ta' Triq San Xmun.**

3.01 Il-Kumitat ma ngħatax il-permess mingħand il-MEPA sabiex jinqalgħu s-siġar tal-bruk li hemm fil-passaġġ ta' Triq San Xmun. Il-Kuntratt tax-xogħlijiet ġie ffirmat ma' Bugeja Bros. (Gozo) Ltd. fit-3 t' April 2012 u x-xogħol ikun jista' jibda hekk kif tiġi approvata d-DNO tar-*railing*. Il-Kuntrattur ġab l-*area* eżatti ta' kemm irid isir pavimentar mingħand il-Perit Mariella Xuereb.

**4.00 Offerti – MXR/003/2012 – Fanali, *Litterbins* u Bankijiet fi Triq il-Kantra.**

4.01 Peress li t-tliet *tenders* ma nkludewx speċifikazzjonijiet tal-prodotti ċari, l-Kumitat ser jitlob kjarifikazzjoni sabiex it-*Tenderers* jerġgħu jibgħatu informazzjoni bl-ispeċifikazzjoni mill-ġdid.

**5.00 Offerti – MXR/004/2012 – Bankina u *Railings* fi Triq il-Kantra.**

5.01 Il-Kumitat kien talab lill-Perit William Lewis sabiex jipprepara rapport fuq l-offerti li l-Kumitat kien irċieva. Huwa qed jirrakkomanda li l-offerta tintgħażel ta' J. Portelli Projects għas-somma ta' €111,537.50 minħabba li hija l-orħos. Il-Perit ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-prezz għar-*railing* huwa irħis ħafna meta jiġi kkomparat mal-prezz tat-*Tenderers* l-oħra u għaldaqstant il-prezz irid jiġi kkonfermat mill-Kuntrattur qabel ma jiġi ffirmat il-Kuntratt.

**6.00 Memo 65/2011 – Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2012.**

6.01 Il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €4,000 sabiex isir kalendarju ta' attivitajiet fix-Xlendi għax-xhur tas-Sajf. Iċ-*Chairperson* kien ipprepara lista ta' attivitajiet u kien bagħatha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Il-Kumitat ser jaħdem fuq dik il-lista ta' attivitajiet u ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand l-HSBC Bank Malta plc fejn qed juri interess li jikri l-*Kiosk* li hemm fil-*Parking* tax-Xlendi sabiex ipoġġi ATM. Il-Bank qed jitlob sabiex jiġi ffirmat il-ftehim sat-30 t' April 2012 u jkun għal tliet snin. Is-Segretarju Eżekuttiv kien kiteb lill-Kummissarju ta' l-Artijiet rigward din il-materja u ġie informat li trid tinħareġ sejħa pubblika u mill-offerta li jagħmel il-Bank, id-Dipartiment Proprjeta' tal-Gvern ikollu d-dritt li jieħu persentaġġ. Għaldaqstant ġie deċiż li l-Kumitat jippubblika sejħa.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva lista mingħand l-Aġent tal-Cruise Liner Seabourn Legend bid-dati ta' meta dan il-*Cruise Liner* ser jidħol fix-Xlendi. Sa l-aħħar tas-sena dan il-*Cruise Liner* ser jidħol 11-il darba fix-Xlendi u 5 darbiet l-Mġarr.

7.03 Il-Kumitat irċieva *Statement of Funds* mingħand il-MEPA fejn qed tirreferi għall-fondi tal-UIF. Għax-Xlendi l-ammont huwa ta' €137,076.24. Irċevejna wkoll abbozz tal-kuntratt li ser jiġi ffirmat bejn il-MEPA u l-Kumitat Amministrattiv sabiex jiġi ffinanzjat il-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.

7.04 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta rigward it-talba li saret minn resident fi Triq il-Biżantini, Ix-Xlendi sabiex issir *Central Strip*. Ġejna mitluba biex nipprovdulhom *layout plan* bi skala 1:500 li turi d-disinn u b' hekk ikunu jistgħu jipproċessaw it-talba li saret. Peress li din il-proposta saret minn sid ta' proprjeta' qrib dan il-post, il-Kumitat kien ser jitlob lil din il-persuna sabiex tipprovdi l-*layout plan* hija stess.

7.05 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Agrikultura fejn qed jitlob lill-Kumitat biex jipprovdi *Cherry Picker* u jkunu jistgħu jinżabru l-Palm li hemm fix-Xlendi. Kien hemm qbil dwar dan.

7.06 Il-Kumitat irċieva petizzjoni li saret mir-residenti ta' Triq ir-Rumani u ntbagħtet lill-Kumitat, Ministeru għal Għawdex u Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni. Dawn ir-residenti qed jilmentaw peress li din it-triq ma hijiex asfaltata. Dawn ir-residenti ġew informati dwar is-sitwazzjoni permezz ta' ittra li ntbagħtet lil kull residenza f' din it-triq.

7.07 Il-Kumitat kien applika mal-MEPA sabiex jinqalgħu s-siġar tal-bruk li hemm fil-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. Din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Is-Sur Mark Anthony Busuttil qed jitlob lill-Kumitat sabiex jibgħat *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex dwar l-asfaltar ta' Triq ir-Rumani. Qed jitlob ukoll sabiex isir *reminder* lill-MTA dwar il-proposta ta' *Wreck* fix-Xlendi.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kumitat li għadhom għaddejjin diskussjonijiet mal-MEPA rigward il-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina. Il-MEPA qed titlob sabiex il-poġġaman li hemm fit-taraġ li jagħti għal dan il-passaġġ jinqala', iżda peress li dan il-poġġaman ilu hemm diversi snin, qed isir tentattiv li dan jibqa'.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kumitat li għadu kemm ġie mħabbar li mis-27 ta' Mejju 2012, ir-rotta li tinżel Ix-Xlendi ser tibda tgħaddi mill-Munxar u tibqa' sejra lejn Ix-Xlendi. Iċ-*Chairperson* kien issuġġerixxa li s-servizz jitwal għax-xhur tas-Sajf.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |